MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 84/2008

**Go p.l.c (C22334)**

**-vs-**

**Carmen Mangion I.D. 613242(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elfejn, tliet mija u tlieta u ghoxrin Euro u disgha u tletin centezmi (€2,323.39) - (Lm997.43c) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni mas-servizz ta' telefoniku li jgib in-numru 21583329 (CN 316260 AC 10203625) skond diversi kontijiet mibghuta lilha u skond id-dokumenti hawn annessi Dok IZY 1 u IZY 2. Illi l-konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma t'elfejn, hames mija u erbgha u sittin Euro u ghaxar centezmi (€2,564.10) - (Lm1,100.77c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------